**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 306/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fis-26 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu nhar il-19 ta' Settembru, 1998 f'San Patrizju, Sliema (certifikat taz-zwieg anness bhala Dokument A).

Illi l-esponenti kienet isseparat minn ma' zewgha fit-23 ta' Ottubru, 2001 permezz ta' att pubbliku tan-Nutar Vanessa Pool.

Illi ghalhekk huma ilhom hekk separati ghal aktar minn erba' snin, ossia ghal sbatax-il sena.

Illi huma ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg.

Illi hekk ukoll ebda manteniment ma huwa dovut lill-intimat peress li dan kien iddekada mid-dritt ghall-manteniment fl-istess att ta' separazzjoni.

Illi llum ma tezisti ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha xxolji dan iz-zwieg bejn il-partijiet billii tiddikjara d-divorzju tar-rikorrenti mill-intimat.

Rat li fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2018 ma kienx hemm opposizzjoni da parti tal-intimat ghal dan id-divorzju.

Rat ukoll l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Ottubru, 2001 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

It-terminu ghall-appell minn din is-sentenza qed jigi abbrevjat ghal jum, bi qbil bejn il-partijiet.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**